# FUQ IL-PASSI TA' PAWLU L-APPOSTLU TAL-ĠNUS

*Pellegrinaġġ fil-Greċja*
*mill-Ġimgħa 16 sal-Ħamis 22 ta' Ottubru 2026*




## Il-Ġimgħa 16 ta' Ottubru: MALTA - TESSALONIKA

Fl-10.15am il-minibus tibda tiġbor lil kulħadd minn daru. Immorru Malta mal-vapur tal-11.30am. Fit-2.50pm titjira ta' Ryanair twassalna fl-Ajruport ta' Tessalonika, in-naħa ta' fuq tal-Greċja, fil-5.25pm (il-ħin tal-Greċja huwa siegħa qabel dak tagħna).
Mall-wasla l-bus teħodna sightseeing mal-belt ta' Tessalonika. Sistemazzjoni fil-hotel u ċena. It-tlett iljieli li jmiss ngħadduhom ġo Tessalonika.

## Is-Sibt 17 ta' Ottubru – TESSALONIKA

***"Għaddew minn Amfipoli u Apollonja u waslu Tessalonika"*** (Atti 17,1)
F'din il-belt inżuru postijiet marbuta mal-figura ta' San Pawl fejn fis-sena 54wK ipprietka, waqqaf komunità u kitbilhom żewġ Ittri. Pawlu reġa' mar it-Tessalonika fit-tielet vjaġġ tiegħu. Ta' interess storiku huma l-postijiet li nżuru llum: il-Forum, il-knisja ta' San Ġorġ, l-Ark ta' Galerios fuq il-famuża Via Egnatia, il-Bażiliċi ta' San Dimitri u Santa Sofia u l-fdalijiet ta' Pela bil-mużajċi tagħha.

## Il-Ħadd 18 ta' Ottubru: FILIPPI U KAVALA

***"Għalhekk tlaqna bil-baħar minn Troas u bqajna sejrin lejn Samotraċja, u l-għada wasalna Neapolis (illum Kavala). Minn hemm morna Filippi, li hi l-belt ewlenija tal-provinċja tal-Maċedonja u kolonja Rumana"*** (Atti 16, 11-12).
Fis-sena 49wK Pawlu daħal fil-port ta' Kavala u żar Filippi. Hawn waqqaf l-ewwel Knisja fl-Ewropa. Flimkien ma' Sila, Pawlu kien arrestat f'Filippi. Kiteb l-Ittra lill-Filippin waqt li kien fil-ħabs f'Ruma. Fi triqtna lejn il-port u l-belt ngħaddu mit-triq Pawlina: "Għaddew minn Ampifoli u Apollonja u waslu Tessalonika" (Atti 17,1). Ġo Filippi nżuru diversi fdalijiet ta' Bażiliċi u x-xmara u l-post fejn Lydia laqgħet lil Pawlu u tgħammdu l-ewwel Ewropej. Inġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija.

## It-Tnejn 19 ta' Ottubru: VERIA U KALAMBAKA (METEORA)

***"Minnufih bil-lejl l-aħwa qabbdu t-triq lil Pawlu u 'l Sila għal Berija (illum Veria)"*** (Atti 17,10)
Illum se nħallu Tessalonika. Nibdew il-vjaġġ tagħna bil-coach lejn ta' isfel tal-Greċja lejn il-belt kapitali, Ateni. Veria hija l-post fejn l-Appostlu tal-Ġnus ippriedka f'żewġ okkażjonijiet differenti. Inżuru l-Bema ta' San Pawl minn fejn jingħad li kien jippriedka.
Il-vjaġġ tagħna jkompli lejn Meteora. Hawn inżuru żewġ monasteri qalb il-muntanji b'veduti uniċi: il-Monasteru ta' Varlaam u dak ta' San Stiefnu. It-tliet iljieli li jmiss ser ngħadduhom ġo Ateni.

## It-Tlieta 20 ta' Ottubru: KORINTU

Illum se ngħaddu ġurnata f'Korintu u l-inħawi. Niefqu ħdejn u naqsmu l-famuż Kanal ta' Korintu, mibni fl-1893 biex jgħaqqad il-Baħar Joniku ma' dak Aġew. Inżuru l-port u l-bajja ta' Kechries. Naslu Korintu. Hawn Pawlu dam jaħdem għal tmintax-il xahar flimkien ma' Akwila u martu Prixxilla. Inżuru postijiet marbuta mal-qagħda ta' Pawlu f'din il-belt li lin-nies tagħha kitbilhom żewġ Ittri.

## L-Erbgħa 21 ta' Ottubru - ATENI

***"Dawk li marru ma' Pawlu wassluh sa Ateni … fis-sinagoga kien jidduskuti mal-Lhud … ħaduh magħhom u marru fl-Arjopagu"*** (Atti 17)

Fil-belt kapitali Griega, Pawlu pprietka fl-Arjopagu u sab l-artal lill-alla mhux magħruf. Fin-nofstanhar ta' dalgħodu nżuru l-famuża Akropolis - Ateni l-antika bit-tempji meraviljużi tagħha. Ftit passi bogħod inżuru l-Arjopagu. Ninżlu naraw il-Katidral Ortodoss ta' Mitropolis. Ħin liberu u shopping madwar Plaka u Monastriki.

## Il-Ħamis 22 ta' Ottubru: ATENI - MALTA

Il-coach teħodna f'aktar postijiet ta' interess madwar Ateni bħalma huma l-għolja ta' Lycabettus, l-Istadju Olimpiku u l-Parlament. Ħin liberu għal shopping minn Ermou Street, żona pedonali mimlija ħwienet tal-ħwejjeġ ta' ditti magħrufa.
Fit-8.20pm ħin ta' Ateni ntiru lejn Malta fuq titjira ta' Ryanair FR6043 u naslu fl-ajruport ta' Malta fid-9.10pm.

## Il-prezz totali (mingħajr insurance)

- Persuna waħda f'kamra ta' żewġ persuni: €1530
- Persuna waħda f'kamra weħidha: €1850

## Il-prezz jinkludi:

- It-trasport mid-dar sal-airport u lura lejn id-dar
- Iż-żewġ titjiriet: Malta – Thessaloniki u Ateni - Malta b' Ryanair Airlines
- Backpack u bagalja ta' 20 kgs kull persuna
- It-taxxi tal-airports u service charges
- 3 iljieli akkomodazzjoni half board (buffet breakfast u ċena) f'Hotel ġewwa Thessaloniki
- 3 iljieli akkomodazzjoni half board (buffet breakfast u ċena) f'Hotel ġewwa Ateni
- City taxes ta' Thessaloniki u Ateni
- L-excursions kollha kif indikati fil-programm
- Il-biljetti tad-dħul fil-postijiet ta' interess imsemmija fil-programm
- Servizz ta' coach li takkumpanjana tul il-vjaġġ kollu
- Servizz ta' gwida tal-lokal li jitkellem bl-ingliż tul il-vjaġġ kollu
- Servizz ta' tour leader
- Tips li jigħataw għal servizzi diversi

Il-booking jista' jsir fl-Uffiċċju Parrokkjali tan-Nadur b'depożitu ta' €400. Il-kumplament jitħallas tal-inqas xahar qabel it-tluq.

Il-pellegrinaġġ huwa suġġett għal tibdil minħabba ċirkustanzi li jista' ma jkollniex kontroll fuqhom.